

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/165

tat-3 ta' Frar 2015

li jemenda l-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi ta' residwu għall-aċidu lattiku, *Lecanicillium muscarium* razza Ve6, il-kitosan kloridrat u *Equisetum arvense* L. f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Għall-aċidu lattiku, *Lecanicillium muscarium* razza Ve6, il-kitosan kloridrat u *Equisetum arvense* L., ma ġew stabbiliti l-ebda MRLs speċifiċi u s-sustanzi ma ġewx inklużi fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005; għalhekk japplika l-valur prestabbilit ta' 0,01 mg/kg stabbilit fl-Artikolu 18(1)(b) ta' dak ir-Regolament.
- (2) Il-kitosan kloridrat huwa approvat bħala sustanza bażika skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾. Fid-dawl tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 563/2014 ⁽³⁾, il-Kummissjoni tqis li l-inklużjoni ta' tali sustanza fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 hija xierqa.
- (3) L-*Equisetum arvense* L hija approvata bħala sustanza bażika skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009. Fid-dawl tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 462/2014 ⁽⁴⁾, il-Kummissjoni tqis li l-inklużjoni ta' tali sustanza fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 hija xierqa.
- (4) L-aċidu lattiku huwa approvat bħala addittiv tal-ikel skont ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 ⁽⁵⁾. Fid-dawl tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1129/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁶⁾, il-Kummissjoni tqis li l-inklużjoni tal-aċidu lattiku fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 hija xierqa.

⁽¹⁾ ĠUL 70, 16.3.2005, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠUL 309, 24.11.2009, p. 1).

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 563/2014 tat-23 ta' Mejju 2014 li japprova s-sustanza bażika idroklorur tal-kitosan, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠUL 156, 24.5.2014, p. 5).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 462/2014 tal-5 ta' Mejju 2014 li japprova s-sustanza bażika *Equisetum arvense* L., skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 (ĠUL 134, 7.5.2014, p. 28).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel (ĠUL 354, 31.12.2008, p. 16).

⁽⁶⁾ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1129/2011 tal-11 ta' Novembru 2011 li jemenda l-Anness II għar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' addittivi tal-ikel (ĠUL 295, 12.11.2011, p. 1).

- (5) Fir-rigward tal-*Lecanicillium muscarium* razza Ve6, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-Awtorità) ikkonkludiet ⁽¹⁾ li l-inklużjoni tagħha fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 hija xierqa.
- (6) Abbażi tal-konklużjoni tal-Awtorità u b'kunsiderazzjoni tal-fatturi rilevanti tas-suġġett ikkunsidrat, il-modifiki xierqa tal-MRLs jissodisfaw ir-rekwiżiti rilevanti tal-Artikolu 5(1) u tal-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.
- (7) Għaldqstant, ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 għandu jiġi emendat skont dan.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Anness IV, l-entrati: "aċidu lattiku ⁽²⁾", "*Lecanicillium muscarium* razza Ve6", "kitosan kloridrat", u "*Equisetum arvense* L." huma miżjuda, f'ordni alfabetiku.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Frar 2015.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

⁽¹⁾ L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel; Il-konklużjoni dwar l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-valutazzjoni tar-riskju għall-pestiċidi tas-sustanza attiva *Lecanicillium muscarium* razza Ve6, innotifikata bħala *Verticillium lecanii*. EFSA Journal 2010; 8(1):1446. [45 pp.]. doi:10.2903/j.efsa.2010.1446.